# Il-Festa u l-Istatwa tad-Duluri

Bħalma jiġri għal kull parroċċa oħra, min jaħseb fi knisja parrokkjali ħsiebu malajr jiġri lejn l-istatwa titulari. San Pawl il-Baħar mhix parroċċa qadima. Imma sfortunatament m'għandhiex dokumentazzjoni li tgħidilna bla tlaqliq min kien l-istatwarju li ħadem l-istatwa tad-Duluri.

Xi tagħrif li nġabar minn Patri Ġużeppi Cilia jagħtina x'naħsbu li l-istatwarju għandu mnejn kien il-qormi Karmnu Mallia, imlaqqam il-Lhudi. L-istatwa għandha mill-istil ta' Karlu Darmanin. Hu żgur li Karmnu Mallia tgħallem taħt Darmanin, fl-istudju tiegħu fi Triq Irjali, il-Ħamrun, ħdejn l-Istitut ta' Cini (illum f'Santa Venera). Wara l-mewt ta' Darmanin fl-1909, Mallia ħa xi abbozzi li kienu ta' dak l-istatwarju magħruf. Fuq xi wieħed minnhom, hu għandu mnejn ħadem l-istatwa tad-Duluri. L-istatwa kellha anġlu mdaqqas magħha. Kien fuq in-naħa tal-lemin tagħha. Dan tneħħa lejn l-1935. Ħafna iżjed tard, ġie restawrat u tqiegħed ġo niċċa.



*Karmnu Mallia - Il-Lhudi*

Aktarx li l-istatwa tlestiet fi żmien il-kappillan Cauchi. Meta saret din l-istatwa, il-festa bdiet tiġi ċelebrata fit-tielet Ħadd ta' Settembru. Bosta kienu jmorru għall-festa. Kienu jmorru bil-karrozzini, u għalhekk saret bħal xalata. Kienu jsajru fuq ix-xatt, qrib il-knisja. Jum il-festa kien magħruf bħala Ħadd in-Nies. Xi nies fis-sakra, bil-kelmiet tagħhom u b'imġiebthom, ġie li qanqlu għal ħafna kummenti. Għalhekk, l-Arċisqof Mawru Caruana tahom l-ordni biex il-festa ma tibqax tiġi ċelebrata f'dak iż-żmien. Bdew jagħmluha fir-Randan. Imma r-Randan xejn ma hu adatt għal festa titulari. Għalhekk, għal xi sentejn ma ħarġitx. Fl-1926, laħaq kappillan ġdid: P. Anton Formosa Kerr. Dan ftiehem ma' l-Isqof biex il-festa tiġi ċelebrata fl-aħħar Ħadd ta' Lulju.